**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 89/2025 AL

A B

Vs

C D sive D E

(M.R. Numru 1186/2005)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fil-15 ta' Lulju tas-sena 2005 (**Dokument MB1**) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed, cioe F B illi twieled fil-11 ta' Jannar 2007.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Katrin Bartolo, *animo ritirandi*, fl-24 ta' Mejju 2021 (**Dokument MB2**).

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni tagħhom irregolaw, *inter alia*, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu fl-ewwel lok irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 8 tal-istess kuntratt) u fit-tieni lok kienu ikkwantifikaw il-kontribut tar-rikorrenti lejn il-manteniment tat-tifel illi qieghed jigi mhallas mir-rikorrent lill-imsemmija martu (Artikolu 22 *et seq* tal-istess kuntratt).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti. Illi l-esponet qieghed jannetti l-affidavit tieghu dwar daqshekk (**Dokument MB3**).

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, u previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B gew sodisfatti, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien indikat fl-Artikolu 66A(4) tal-istess Kapitolu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjes.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Marzu 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta u ma pprezentantx risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Mejju 2021.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.